**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima**

**Appell Nru: 355/2023/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Vassallo**

***-Omissis 1-***

***-Omissis 2-***

***-Omissis 3-***

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Matthew Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 89486(M), akkużat flimkien ma *Omissis 1*, *Omissis 2*, u *Omissis 3*, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli; –

Flimkien:

Fl-20 ta' Novembru, 2018, għall-ħabta ta' 12:30 ta' filgħodu, ġewwa l-Blata l-Bajda, Hamrun mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddiehor f' periklu ċar, bl-uzu wkoll ta' diversi oġġetti iebsa u kif ukoll ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Joseph Grech, u ċioe' feriti ta' natura gravi skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Louana Formosa M.D. (Reg.No: 3803) mill-lsptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra;

Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

Lil Matthew Vassallo waħdu:

Fid-19 ta' Novembru, 2018, għall-ħabta tal-10:30 ta' filgħaxija, ġewwa l-Belt Valletta mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, bl-uzu wkoll ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Joseph Grech, u cioe' feriti ta' natura gravi skond kif gie ċċertifikat minn Dr. Louana Formosa M.D. (Reg.No: 3803) mill-lsptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra;

Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi nġurja u hedded lil Joseph Grech, liema nġurji u theddid mhux msemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurjat b'mod li ħareġ mill-limiti tal-provokazzjoni;

Fl-istess dati, u fl-imsemmija ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dott. Edwina Grima LL.D.) b'digriet datat 28 ta' Ottubru, 2013 li permezz tiegħu ngħata il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja u kif ukoll taħt depozitu ta' ħames mitt Ewro (€500) u garanzija personali ta' għaxart elef Ewro (€10,000).

Il-Qorti kienet mitluba li f' kaz ta' ħtija, tqis lill-imputati Matthew Vassallo, *Omissis 1* u *Omissis 2* bħala li saru reċedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjuba ħatja ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet finalment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' ħtija, flimkien mal-piena stabbilita skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih Matthew Vassallo ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu. Kif ukoll tordna li s-sommom bħala depozitu u garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 3 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7(2), 17, 18, 31, 49, 50, 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 338(dd), 339(1)(e), 533, 579(1)(2)(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil *Omissis 1*, *Omissis 2* u *Omissis 3* mhux ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u lliberathom minn kull ħtija u piena filwaqt li sabet lil Matthew Vassallo ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti

kontrih u kkundanatu piena ta' priġunerija ta' sitt snin li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk ġja skontati taħt arrest preventiv. Kif ukoll wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti rrevokat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lill-imputat Matthew Vassallo u ordnat l-arrest mill-ġdid skont l-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali u ordnat li l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil ħati Matthew Vassallo iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti maħtura fl-inkjesta fis-somma ta' tlett elef, mitejn u disa' u għoxrin Euro u ħamsa u għoxrin ċentezmi (€3,229.25) rappreżentanti spejjeż tar-rapport ta' l-espert Dr. Martin Bajada fl-ammont ta' €862.9373 u Dr. Marisa Cassar fl-ammont ta' €2336.4074 u Dr. Mario Scerri fl-ammont €29.92.

Rat ir-rikors tal-appellant, Matthew Vassallo, ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:–

1. Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;
2. F'kull każ u sussidjarjament, tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront ttiegħu u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata *seduta stante* nhar it-8 ta' Marzu 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar it-8 ta' Marzu 2024 "*il-partjiet qabblu li l-Qorti għandha tagħti sentenza fuq l-ewwel aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata*".

Rat li nhar it-28 ta' Ġunju 2024 ingħatat sentenza *in parte* fejn din il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju ssollevat mill-appellant u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Semgħet trattazzjoni fuq il-kumplament tal-aggravji.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju kontenut fir-rikors ta'l-appell jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex, fil-fehma ta'l-appellant, kellu jinżamm f'moħħ l-awtorita' ġudikanti, meta tiġi għall-għarbiel tal-provi dwar l-allegata agressjoni subita mill-vittma, l-fatt illi huwa kostrett juża s-siġġu tar-roti. Imbagħad huwa jkompli jissostanzja dan l-aggravju billi jilmenta dwar is-segwenti:

i. Illi x-xhieda ta' Joseph Grech m'għandiex mis-sewwa;
ii. Ir-rapport tal-esperti tax-xena tar-reat mhux konklussiv peress illi ma ġewx elevati impronti digitali minn fuq l-oggetti misjuba fuq ix-xena tar-reat.
iii. Ir-rapport tal-espert forensiku Dr Marisa Cassar ma joħloq ebda ness mal-appellant stante illi ma sarx eżami komparattiv tal-profil ġenetiku misjub fuq l-oġġetti eżaminati mis-seroloġista ma' dak tal-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi ikkumpilati quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta illi nhar l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, il-Pulizija kienet informata minn ċertu Philip Ghabi li ġewwa l-Blata l-Bajda, il-Ħamrun, kien kemm persuna mixħuta fl-art li kellha xi ġrieħi fuq il-persuna tagħha. Illi minn investigazzjonijiet li saru in segwitu irriżulta li l-ferut kien ċertu Joseph Grech li saħaq li kien ġie aggredit mill-appellant Matthew Vassallo u li miegħu kien hemm ommu u zewġ persuni oħra. *A tempo vergine*, il-vittma stqarr li ġie aggredit mill-aggressur tiegħu permezz ta' krozza, sikkina u oġġetti oħra iebsin. Mir-rapport tal-*PIRS* eżebit in atti, jirriżulta ukoll li l-vittma kien tkellem ma' PS 1236 ftit wara l-inċident fejn stqarr "**illi huwa kien miexi fil-viċinanzi tal-istage fejn minnufih wasal vann blu u nizel minnu ċertu Matthew ta' Bormla ċertu wieħed illi għandu dizabilita' fizika u li kien hu flimkien ma' ommu u tnejn oħra membri tal-familja tiegħu illi kienu tawh daqqiet b'kanna, krozza u mus b'konsegwenza illi ħallewh midrub hemmhekk**".

Illi, meta Grech xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, tenna li dakinhar tal-inċident huwa kien il-Belt, ġewwa Strada Stretta, għand ċertu Michelle Mangion. Jgħid li f'daqqa waħda nizel l-appellant mis-sular ta' fuq tal-fond u qabad jgħajjat miegħu, u kif kien ser jillarga mill-post mar warajh b'sikkina f'idu u irnexxielu jolqtu bejn saqajh. Huwa irreaġixxa u pprova jimbotta lil Vassallo b'siġġu sabiex jiddefendi ruħu. Grech kompla jixhed li telaq minn fuq il-post u mexa' sal-Pieta' fejn hemmhekk waqqfu ħdejh erbgħa minn nies rekbin ġewwa vann tal-għamla *Pajero*. Jixhed li kien l-appellant li kien qed isuq dan l-vann u li sussegwentement nizel ħu l-appellant minn din il-vettura u ħebb għalih b'ħadida kbira, filwaqt li omm l-appellant bdiet tgħidlu "**Int qed issawatli t-tifel**". Grech jgħid li huwa qala' xebgħa kbira u filfatt spiċċa l-isptar. Mistoqsi minn kien li kien tah ix-xebgħa jgħid "**Kollha tista' tgħid għax ... u ntlift minn senisja u sibthom l-erbgħa mdawrin**". Fil-fatt, *a tempo vergine*, meta nstab

mill-Pulizija mal-art, Grech stqarr ma' PS123 Joseph Gatt li kienu "**Matthew, ommu u zewġ familjari miegħu**" li kienu aggredewh. *In oltre*, PC 57 Matthew Buhagiar xehed li huwa kien ħa l-verzjoni ta' Grech meta dan kien l-isptar fejn hemmhekk tenna illi kien ġie aggredit "**minn ċertu Matthew Vassallo fejn ta deskrizzjoni tiegħu**". Ukoll, Maria Pia Grech, bint il-parte ċivile, qalet li meta marret l-isptar, missierha kien qalilha li kienu weġġgħuh "**Matthew, Luca, ommu u oħtu**" u dana wara argument li kellhom.

Illi, dwar il-ġrieħi sofferti mill-parti offiża, xehdet Dr Luana Formosa fejn stqarret illi kienet invistat lil Joseph Grech nhar l-20 ta' Novembru 2018 fis-sagħtejn ta' filgħodu ġewwa d-Dipartiment ta'l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei fejn kienet iċċertifikat li kien qed isofri mis-segwenti ġrieħi ta' natura gravi:

- ***CT polytrauna: # right (fracture) distal ulna***
- ***LCW over 3cm over right forearm***
- ***LCW over 4cm over right temporal aspect of scalp***

Illi, Dr Mario Scerri, l-espert mediko-legali maħtur fl-inkjesta maġisterjali, wasal għas-segwenti konklużjonijiet wara li eżamina lill-vittma Grech: –

> **Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq l-imnieħer kienu kompattibbli ma' grif;**
>
> **Illi l-abrazjoni deskritta fuq il-patella tax-xellug kienet kompattibbli ma' blunt trauma;**
>
> **Illi t-tbenġila deskritta fuq il-qasba tas-sieq il-leminija kienet kompattibbli ma' blunt trauma;**
>
> **Illi l-frattura deskritta fit-tarf t'isfel tal-ulna tal-lemin kienet kompattibbli ma' blunt trauma u hija ta' natura gravi per durata.**

Illi, fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija ġiet mitkellma ukoll Michelle Mangion li stqarret illi:

> **"fid-19/11/18 għall-ħabta ta' 22:30hrs, kienet nizlet fil-komun għax kien mar izurha ċertu Joseph li rreferriet għalih bħal Zinnana u li ilha tafu għal snin twal u li qisu missierha. Dak il-ħin id-dar kienu hi, Matthew u t-tfal. Is-Sinjura Mangion qalet li Matthew beda jgħajjat u joffendi lil Joseph mill-appartament u dana għaliex Matthew jaħseb li Joseph għandu interess f' Michelle u filwaqt li tnejn infexxew jitgħajjru Michelle qalet lil Joseph biex ikun aħjar jekk jitlaq l-hemm ħalli ma teskalax. Hekk kif Joseph telaq, is-Sinjura Mangion għalqet il-bieb u telgħet fuq l-appartament tagħha. Mistoqsija jekk tiftakarx liema direzzjoni Joseph ġibed, hi stqarret li ma tafx għax meta għalqet il-bieb, Joseph kien għadu quddiem il-bieb. Ftit tal-ħin wara li telgħet lura fl-appartament Matthew qabad iċ-ċwievet u telaq il-barra u qal lil Michelle li sejjer sal-vann. Michelle qaltlu biex jibqa' d-dar pero' Matthew insista u telaq. Hi kompliet tgħid li l-vann li beda jirreferi għalih**

**hu ta' lewn blu bl-ispare wheel fuq wara, b'reġistrazzjoni JUL pero' n-numri ma tiftakarhomx u li kien ipparkjat fi Triq id-Dejqa, f'parkeġġ rizervat għal persuni b'dizzabilita'. Is-Sinjura Magion marret torqod u ma semgħetx għajjat barra**".

Illi, meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, Michelle Mangion ma tantx offriet dettalji dwar dak li kien seħħ fid-dar tagħha, u kull ma stqarret kien li dakinhar tal-inċident kien żarha Joseph Grech fejn dan beda igħid lilll-appellant sabiex ma jindaħalx bejnu u bejn Mangion. Din il-verzjoni tikkuntrasta ferm ma' dak mistqarr minn din ix-xhud lill-Pulizija *a tempo vergine*. Ukoll tikkontrasta mal-verzjoni li tat lil PS 355 Charlo Chircop li essenzjalment hija l-istess bħal dik mogħtija minnha meta kienet mitkellma fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Illi, l-appellant minn naħa tiegħu isostni illi kien hu li ġie aggredit minn Grech u mhux bil-kontra. Fil-fatt l-appellant kien ukoll eżaminat medikament minn Dr Patrick Huhn taċ-ċentru tas-saħħa li ċċertifika li l-appellant kellu "***tender swelling and the patient was unable to straighten the elbow and had been reluctant to turn his forearm. There was also a two centimetre diameter bruise over the forehead and the patient was complaining of tenderness in his right side but no bruise was visible there***". *In oltre*, Dr Joseph Saliba xehed li sar *x-ray* fuq il-persuna ta'l-appellant u kien ikklassifika l-ġrieħi tiegħu bħala ta' natura ħafifa.

Illi fl-istqarrijiet tiegħu l-appellant jikkonferma illi dak in-nhar tal-inċident huwa kien għand Michelle Mangion meta f'ħin minnhom wasal z-Zinnana (Joseph Grech) li beda jheddu bi kliem li kien ser joqtlu u spiċċaw jargumentaw. Waqt dan l-argument l-appellant igħid li Grech qabad siġġu u beda jagħtih bih. Jiftakar ukoll illi Grech kellu mus f'idejh, iżda ma laqtux bih. Dak il-ħin kienu għaddejin xi nies li ferquhom u Grech beda igħajjarhom ukoll, iżda telaq bil-pass minn fuq il-post u ma jafx x'sar minnu. Wara dan telaq lura lejn daru ġewwa Borma għax beda jibża' li kien ser jerġa' jiġi għalih. *In oltre*, innega li hu u familtu ħebbew għal parte ċivile wara dan l-akkadut. Illi, fit-tieni stqarrija rilaxxata fil-21 ta' Novembru 2018 huwa nnega li dakinhar tal-inċident kien bil-vettura tiegħu u igħid lil telaq mingħand Michelle Mangion meta kien hemm persuna li offrietlu *lift*.

Illi, l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għaliex irriżultalha illi fil-jum indikat fl-akkuża verament kienet seħħet ġlieda bejn l-appellant u l-parti offiża. Illi mbagħad qiset illi l-provi misjuba fuq ix-xena tar-reat isaħħu l-fatt illi Grech kien ġie aggredit minn Vassallo għaliex fl-ewwel lok fil-post fejn Grech instab ferut kien hemm krozza miksura, u l-appellant għandu problemi ta' mobilita, u fit-tieni lok għaliex il-profil ġenetiku elevat minn fuq il-ħwejjeġ tal-vittma u tal-appellant, skont ir-rapport tal-espert seroloġista, kienu jappartjenu lill-istess raġel.

Dan magħdud, madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-uniċi provi li jistgħu jitfgħu xaqq dawl fuq id-dinamika ta' dan l-akkadut huma t-testimonjanzi tal-appellant, tal-parte ċivile u ta' Michelle Mangion, li jippreżentaw, iżda, żewġ verzjonijiet tal-fatti dijametrikament opposti minn xulxin, bl-appellant jisħaq li kien Grech li beda l-argument u ħebb għalih, filwaqt li minn naħa l-oħra, il-parti offiża jisħaq li kien l-appellant li beda l-argument u li kien l-istess appellant u familtu li ħebbew għalih u aggredewh. Ma tressqet l-ebda prova ulterjuri għajr it-testimonjanza ta' Michelle Mangion li madanakollu ma toffri ebda korroborazzjoni għall-ebda waħda minn dawn il-verżjonijiet, għajr għal fatt illi kien hemm argument verbali bejn dawn it-tnejn minn nies. Mhux biss, iżda, din ix-xhud xejn ma kienet konsistenti, meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti mal-verżjoni mogħtija minnha *a tempo vergine* meta stqarret li kien l-appellant li kien beda l-ġlieda, u kienet pjuttost dettaljata dwar dan, filwaqt li mbagħad meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti dawret dina l-verzjoni tal-fatti ta' taħt fuq.

Illi l-appellant jilmenta mill-inverosimiljanza tax-xiehda ta' Joseph Grech li, fil-fehma tiegħu, hija mifnija b'inkonsistenzi u kontradizzjonijiet. Mhux biss, iżda, jikkritika s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti meta din skartat evidenza importanti li kien hemm fl-atti, u ċioe', illi f'dik il-lejla Grech kien ikkonsma d-droga kokajina qabel ma ittieħed l-isptar, tant għalhekk illi hemm dubbju dwar dak mistqarr minnu lill-pulizija. Jikkontendi illi l-appellant tressaq il-Qorti mhux għaliex il-Pulizija kellhom xi evidenza li kienet tindika lill-appellant bħala s-suspettat, iżda għaliex Grech baqa' jinsisti ripetutament mal-pulizija li kien ċert li wieħed mill-aggressuri tiegħu kien l-appellant. Fuq kollox, igħid l-appellant, li meta instab mixħut fl-art il-Hamrun minn ċertu Philip Ghabi li staqsieh x'kien ġralu, Grech qallu li kellu 'accident' u mhux li kien safa attakkat. Mhux biss, iżda, għalkemm Grech igħid illi huwa beda jimbotta lill-appellant bis-siġġu meta dan aggredih filwaqt li kienu għadhom il-Belt, madanakollu huwa evidenti minn dak ċċertifikat milt-tabib Patrick Huhn illi anke l-appellant sofra xi ġrieħi, li allura tikkorrobora l-verżjoni tiegħu li kien Grech li aggredieh u sawwtu b'dan is-siġġu u mhux sempliċment imbuttah. Fil-fehma tad-difiża, il-fatt li kien hemm argument bejn l-appellant u l-parti offiża aktar kmieni f'dik il-lejla, ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti għal konklużjoni li kien l-appellant li aggredixxa lil Grech u ikkaġunalu l-offiżi rapportati. Fuq kollox lanqas setgħet l-Ewwel Qorti tistrieħ fuq l-verżjoni inkonsistenti ta' Grech li insista li kien l-appellant li aggredieh, u dan meta huwa stess jikkontendi illi daru miegħu erba' minn nies u li hu kien intilef minn sensieh bid-daqqiet li qala'.

Jilmenta ukoll mill-fatt illi għalkemm saru eżamijiet forensiċi għal presenza tad-DNA fuq il-ħwejjeġ tal-appellant u tal-vittma, madanakollu ma sarux dawn l-eżamijiet fuq l-oġġetti l-oħra elevati minn fuq ix-xena fosthom il-pajp, u l-krozza miksura. Lanqas eżamijiet għall-impronti diġitali fuq dawn l-oġġetti ma saru sabiex ma jistax ikun

konkluż min uża dawn l-oġġetti u jekk dawn kenux intużaw fl-agressjoni billi nstabu f'post pubbliku. Kif lanqas hemm xi presenza ta' dmija fuqhom li tista' tindika li dawn intużaw fl-imsemmija agressjoni. Illi anke il-konklużjoni milħuqa mill-espert seroloġista Marisa Cassar, fil-fehma tad-difiża, ma tippuntax lejn l-appellant u dan għaliex għalkemm l-espert ikkonkludiet illi d-demm misjub fl-art fuq ix-xena tar-reat, u id-demm misjub fuq il-ħwejjeġ ta' Vassallo u tal-vittma jappartjenu lill-istess raġel, madanakllu ma hemm ebda indikazzjoni lil min fil-fatt tappartjeni din id-dmija, u għalhekk din il-konklużjoni, kuntrarjament għal dak li tikkontendi l-Ewwel Qorti ma torbotx mal-persuna tal-appellant.

Oltre dan, l-appellant jindika illi Joseph Grech qatt ma indika li fl-aggressjoni li seħħet intużat xi sikkina, kif lanqas kien konsistenti dwar il-persuna li allegatament ikkaġunatlu il-ġrieħi minnu sofferti. U għalkemm kien taħt l-effett tal-kokajina u kien ċert li aggredewh erba' minn nies, lanqas ma kien konsistenti dwar l-identita' tal-persuna li aggredietu bil-ħadida fejn għall-ewwel jindika lil Loanna Vassallo, imbagħad jindika lil ħu l-appellant Lucas Vassallo, fejn igħid li l-appellant baqa' fil-vettura.

Finalment anke l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, illi l-vittma kien fil-periklu tal-mewt ma hija sorretta minn ebda prova, skont l-appellant, u dan għaliex l-espert mediko-legali għalkemm jindika li l-vittma sofra ġrieħi ta' natura gravi, madanakollu imkien ma jindika, la fir-rapport u lanqas fix-xiehda tiegħu, illi dan kien f'xi ħin fil-periklu tal-mewt, tant illi wara jumejn huwa kien irrilaxxjat mill-isptar. Lanqas ma hemm evidenza illi fl-inċident li seħħ fid-19 ta' Novembru 2018 ġewwa r-residenza ta' Mangion, l-appellant ikkaġuna xi ġrieħi fuq il-persuna ta' Grech, u dan għaliex għalkemm Grech jallega illi l-appellant laqtu b'sikkina bejn saqajh, madanakollu dawn il-ġrieħi ma ġewx riskontrati mill-espert mediko-legali. Fid-dawl tal-kunflitt li hemm fil-provi, fil-fehma tad-difiża, lanqas ma setgħet tinstab il-ħtija għall-imputazzjonijiet dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika u dik tal-inġurji u theddid.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dwar l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u ċioe' dik tal-offiża fuq il-persuna ta' natura gravi, u dan fil-jum tal-20 ta' Novembru 2018, l-appellant jintenta jqajjem ukoll dubbji dwar il-lok fejn allegatament il-parte ċivile ġie aggredit. Dina l-Qorti mhux ser tiddilunga wisq fuq dana l-punt u dana għaliex għalkemm Grech jisħaq li ġie aggredit ġewwa l-Pieta', l-esperti forensiċi li rrikorrew fuq il-post fejn instab Grech, indikaw il-lok fejn seħħet l-agressjoni bħala "**Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Hamrun**", liema lok huwa dak indikat fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda dubbju dwar il-post fejn allegatment seħħ id-delitt, għalkemm din l-

inkonsistenza li jixhed dwarha l-allegat vittma jista' jkollha piż fuq il-verosimiljanza tal-verżjoni tal-fatti minnu mogħtija.

Illi, jibda biex jingħad illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti meta ssib il-ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, ma tagħmilx distinzjoni bejn l-inċident li seħħ, fid-19 ta' Novembru 2018 ġewwa il-Belt Valletta, li dwaru kien mixli unikament l-appellant, u dak tal-20 ta' Novembru 2018 ġewwa Blata il-Bajda, li għalih kienu mixlija l-akkużati kollha. Fl-ewwel inċident l-vittma, fil-fatt, ma jindikax illi għalih kienu preżenti il-ko-imputati l-oħra, omm l-appellant Josephine Lia, ħuh Lucas Vassallo u Louanna Vassallo, li l-Ewwel Qorti għaddiet għal liberazzjoni tagħhom. Fl-ewwel inċident il-vittma allega illi l-appellant ħebb għalih b'mus u xejjirlu daqqa bih bejn saqajh u ikkaġunalu xi ġrieħi. Minn naħa tiegħu l-appellant jinnega li għamel dan u li kien Grech li aggredieh u anke xejjrilu daqqa b'siġġu u ikkaġunalu xi ġrieħi. Issa, kemm l-eżami mediku li sar mit-tabiba fl-emerġenza, kif ukoll mir-rapport tal-espert mediko-legali, ma ġiet riskontrata ebda ferita bl-użu ta' strument li jaqta' fil-post indikat mill-vittma. Illi allura għalkemm huwa indubitat illi kien hemm ġlieda bejn l-appellant u Grech ġewwa l-Belt Valletta, madanakollu ma hemm ebda prova lil hinn minn kull dubbju li l-appellant ikkaġuna xi offiża fuq il-ġisem ta' Grech f'dan l-inċident. Illi l-uniku xhud okulari għal dan is-sinistru Michelle Mangion, kemm fil-verżjoni tagħha mogħtija lill-pulizija kif ukoll fix-xiehda tagħha fil-qorti, għalkemm f'din ta'l-aħħar uriet retiċenza kbira, ma tindikax illi kien hemm l-użu ta' xi sikkina jew mus u li ġew kkaġjonati xi ġrieħi fuq il-vittma. Lanqas ma jirriżulta illi kienu ikkaġjonati xi ġrieħi f'dan l-ewwel inċident fuq il-persuna ta' Grech minn taħt idejn l-appellant, li minn naħa tiegħu jallega illi kien Grech li aggredieh tant illi sofra diversi ġrieħi, li fil-fatt huma ċċertifikati mit-tabib Patrick Huhn. Kwindi huwa żgur li din it-tielet imputazzjoni u ċioe' dik tal-offiża volontarja ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grech fil-jum tad-19 ta' Novembru 2018 ma hijiex ippruvata u l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

Illi mbagħad fir-rigward tal-inċident li seħħ ftit tas-sigħat wara, għalkemm Grech jikkontendi illi l-appellant kien wieħed mill-aggressuri tiegħu, madanakollu igħid illi kienu l-imputati Louanna Vassallo u Lucas Vassallo li ħebbew għalih b'ħadida u omm l-appellant li bdiet tgħajjru u theddu. Igħid ukoll li l-appellant kien qed isuq il-vettura li permezz tagħha l-aggressuri tiegħu waslu fuq il-post, u li l-appellant matul l-aggressjoni baqa' fil-vettura. Ftit wara imbagħad jallega illi kienu l-erbgħa imputati li daru miegħu u aggredewh iżda hu intilef minn sensieh.

Issa l-Ewwel Qorti illiberat lill-ko-imputati mill-imputazzjonijiet miġjuba kontriehom fuq il-premessa illi ma kellhiex is-serħan il-moħħ illi huma kienu involuti fl-inċident li seħħ fl-għodwa tal-20 ta' Novembru 2018. Madanakollu sabet lill-appellant ħati u dan abbażi tal-provi forensiċi konsistenti fir-rapport tal-espert seroloġista u dak tal-

espert mediko-legali kif ukoll għaliex wieħed mill-oġġetti elevati minn fuq ix-xena kien jikkonsisti f'krozza li kienet miksura u li l-Ewwel Qorti attribwiet għall-appellant peress illi huwa persuna bi problemi ta' mobilita' u li allura ikkonkludiet jagħmel użu mill-krozzi.

Issa l-espert seroloġista Marisa Cassar ikkonkludiet fir-rapport tagħha illi l-kampjuni mmarkati bħala 18CPX04A, 18CPX04, 18CPX05, 18CPX06, 18CPX07, 18CPX08 u 18CPX09 konsistenti f'tiċpis ta' demm elevat mill-art fuq ix-xena tar-reat, minn fuq il-ħwejjeġ ta'l-appellant u minn fuq il-ħwejjeġ tal-vittma, ħareġ profil ġenetiku ta'l-istess raġel. Lil min jappartjeni dan il-profil ġenetiku, iżda, ma huwiex stabbilit. Illi din il-konklużjoni madanakollu tpoġġi lill-appellant fuq ix-xena tar-reat ġaldarba huwa stabbilit li l-profil fuq id-dmija misjuba fuq ħwejġu u dik elevata mill-art fuq ix-xena huwa identiku u jappartjeni lill-istess persuna, kif inhu ukoll identiku mad-dmija li kien hemm fuq il-ħwejjeġ tal-vittma. Illi mbagħad għalkemm minn fuq ix-xena tar-reat kienu elevati xi oġġetti allegatament użati fl-agressjoni, konsistenti f'ħadida u żewġ biċċiet mill-istess krozza miksura, madanakollu ma saru ebda eżamijiet forensiċi fuqhom la għal presenza ta' DNA u lanqas għal marki tas-swaba, sabiex lanqas hawn ma kien stabbilit illi l-krozza miksura kienet użata mill-appellant u li l-ħadida intużat fl-agressjoni minnu jew mill-aggressuri l-oħra. Dan ifisser illi kemm għal din il-Qorti, kif ukoll għall-Ewwel Qorti qabilha dawn il-provi ċirkostanzjali ma jippuntawx f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-fatt illi kien l-appellant u ħadd iktar li fiżikament agredixxa lill-vittma, iktar u iktar meta l-vittma jinsisti illi flimkien ma'l-appellant kien hemm tlett aggressuri oħra, u li l-ewwel igħid li ra lill-appellant fil-vettura, imbagħad meta kien mixħut fl-art jallega li l-erba' agressuri kienu mdawwrin miegħu. Madanakollu fl-ebda ħin ma jindika li kien fiżikament l-appellant li sawwtu bil-krozza jew bil-ħadida.

Issa allura, għalkemm huwa minnu li l-vittma jagħraf lill-appellant bħala wieħed mill-persuni li kienu preżenti fl-agressjoni, madanakollu ma kienx kapaċi jindika min mill-aggressuri sawtu bil-ħaddia u bil-krozza. Illi dan kellu jwassal għal dubbju raġjonevoli fl-Ewwel Qorti dwar l-involviment ta'l-appellant fl-agressjoni li seħħet fl-20 ta' Novembru 2018 u jekk kienx effettivament l-appellant li ikkaġuna il-ġrieħi rapportati mill-vittma. Dan magħdud, madanakollu, huwa indubitat li tirriżulta l-kompliċita' tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat meta wassal lill-aggressuri fuq ix-xena u li kien konsegwenza ta' l-instigazzjoni tiegħu wara l-inċident li kien seħħ aktar kmieni ġewwa l-Belt Valletta, li wassal għal din l-agressjoni. Kwindi tista' tinstab ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni biss fil-vesti tiegħu bħala kompliċi u mhux bħala l-awtur tar-reat billi il-provi fir-rigward huma mankanti.

Illi, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni u ċioe' dik tar-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubbliku marbut mall-ġlieda li seħħet fid-19 ta' Novembru 2018,

għalkemm ma jirriżultax jekk din il-kollutazzjoni seħħitx fil-partijiet komuni ta' l-appartament fejn tirrisjedi Mangion jew inkella barra fit-triq, madanakollu l-appellant *ex admissis* fl-istqarrija tiegħu jikkonferma illi kien hemm din il-ġlieda u lil indaħlu biex iferrqu lilu u lil Grech erba' minn nies sabiex b'hekk l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju tirriżulta ppruvata. Illi għalkemm kif ingħad ma hemmx dubbju li kien hemm din il-ġlieda ġewwa il-Belt bejn l-appellant u l-vittma, madanakollu hemm kunflitt fil-provi ukoll rigward il-fatt jekk l-appellant hedditx u inġurjax lil Grech waqt din il-kollutazzjoni, u dan meta fix-xiehda tiegħu Grech igħid li l-appellant beda igħajjat miegħu, iżda ma jispeċifikax x'diskors kien qed jingħad lilu, u jekk dan l-għajjat kienx jikkonsisti f'theddid jew inġurji. Minn naħa tagħha għalkemm Michelle Mangion *a tempo vergine* stqarret mal-pulizija li l-appellant beda igħajjat u igħajjar lil Grech, ma tispeċifikax x'diskors ingħad, u mbagħad meta sussegwentment xehdet fil-qorti ma semmietx x'diskors ingħad bejn dawn it-tnejn minn nies u jekk l-appellant inġurjax jew heddidx lil Grech. Mhux biss, iżda għalkemm Grech jinsisti li kien l-appellant li hebb għalih, l-appellant igħid bil-kontra u ċioe' li kien Grech li għajjru u heddu li ser joqtlu u sawwtu b'siġġu tant illi sofra ġrieħi f'dan l-inċident. Kwindi fid-dawl ta' dan il-kunflitt u ukoll fin-nuqqas ta' prova dwar xi kliem seta' ingħad mill-appellant fil-konfront ta' Grech l-ħames imputazzjoni kontravvenzjonali ma tistax tirriżulta ppruvata.

Illi dwar l-inċident ta'l-20 ta' Novembru 2018, huwa stabbilit li l-appellant kien preżenti fuq ix-xena tar-reat u li allura kien involut f'aggressjoni fil-ħinijiet bekrin ta' fil-għodu sabiex b'hekk l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-ordni pubblika in konnessjoni ma' dan l-inċident tirriżulta ippruvata.

Illi, sussegwentement l-appellant iressaq ilment ukoll fir-rigward tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u ċioe' dik dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet mposti fuqu f'digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest. Illi minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li ġew ippreżentati kopja tal-kundizzjonijiet imposti f'digriet datat it-28 ta' Ottubru 2013 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, liema kundizzjonijiet kienu jinkludu rinkażar bejn il-11pm u s-6am, kif ukoll li ma jkunx hemm il-kummissjoni ta' reat ieħor ta' natura volontarja. L-istess ġew ikkonfermati mill-iSpettur Malcolm Bondin nhar l-22 ta' Ġunju 2020. Għalhekk jirriżulta l-ksur li dwaru l-appellant huwa mixli, meta kien barra wara l-11 ta' fil-għaxija u kkommetta reat ta' natura volontarja waqt li kien meħlus mill-arrest. Għalhekk dwar, dan l-ilment, l-appellant m'għandux raġun.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li l-piena mposta fuqu kienet waħda eċċessiva. Huwa qed jitlob li l-piena għandha tkun mezz riformattiv u mhux punittiv.

Illi, ġaldarba il-Qorti ser tirriforma is-sentenza appellat sabiex b'hekk l-appellant ser jiġi illiberat mill-imputazzjoni dwar l-offiża gravi fuq il-persuna relattivament għall-inċident tad-19 ta' Novembru 2018 u ċioe' it-tielet imputazzjoni, kif ukoll ser jiġi lliberat mill-ħames imputazzjoni, bil-ħtija għall-ewwel imputazzjoni ser tirriżulta biss ai fini ta' kompliċita', il-Qorti ser tgħaddi għal temperament fil-piena.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn din sabet lill-appellant ħati tat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u minflok tgħaddi biex tilliberah mill-istess, filwaqt li għalkemm tikkonferma l-ħtija għall-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-appellant ħati fil-vesti tiegħu ta' kompliċi. Tikkonferma l-ħtija għall-kumplament tal-imputazzjonijiet. Tvarja il-piena inflitta u minflok piena karċerarja ta' sitt snin, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-appellant taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett snin mil-lum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikser l-Ordni ta' Probation impost fuqu llum jew jekk jikkometti reat ieħor waqt li jkun taħt l-imsemmi Ordni.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**